# QORTI ĊIVILI
## (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)
## GĦAWDEX

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 21 ta' Gunju, 2024**

**Rikors Numru:- 45/2023/1 JVC**

**Dr. David Pollina**

**vs**

**Registratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors datat 12 ta' Settembru, 2023 fejn ir-rikorrent Dr. David Pollina premetta u talab kif isegwi:

'Illi huwa d-direttur manigerjali ta' MaltaTicket.com numru tar-registrazzjoni tal-kumpanija C 41085;

Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April 2020, din il-kumpanija thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji;

Illi originarjament il-kumpanija kellha ufficju registrat taghha fin-numru 56, Triq ta' Mellu, Mosta, Malta. Sussegwentement, il-kumpanija ma baqghetx tuza dan il-fond bhala l-ufficju registrat taghha u ittrasferiet l-operat taghha ghall-ufficju iehor f'Ghawdex. Fil-hmistax (15) ta' Marzu 2018, il-kumpanija kienet infurmat lir-Registratur tal-Kumpaniji bil-bdil fl-indirizz tal-ufficju registrat taghha fis-sens li l-kumpanija kienet imxiet mill-Mosta ghal "Refidim", Triq il-Wileg, il-Qala, Ghawdex (**Dokument A).** Ghal xi raguni jew ohra r-Registratur intimat ma hax nota tal-bdil fl-indirizz tal-ufficju registrat tal-kumpanija, liema bdil kien gie notifikat lilu fis-sena 2018, u r-Registratur baqa' jibghat il-korrispondenza fl-ufficju fil-Mosta;

Illi fis-sitta (6) ta' Jannar 2020, il-kumpanija Miqna Systems Limited bin-numru tar-registrazzjoni tal-kumpanija C 38184 il-parent company tas-socjeta MaltaTicket.com rceviet ittra fl-indirizz "Refidim", Triq il-Wardija, Qala **(Dokument B)** fejn ingabet a konoxxenza taghha ittra datata sbatax (17) ta' Ottubru 2019 **(Dokument C)** u ohra datata sebgha (7) ta' Ottubru 2019

**(Dokument D)**, din ta' l-ahhar minghuta mill-legali tas-sidien tal-fond li minnu kienet topera l-kumpanija fil-Mosta. Fl-ittra tas-sbatax (17) ta' Ottubru 2019, gie indikat indirizz tal-kumpanija li kien ilu ma jintuza madwar hmistax (15) il-sena jew aktar. Dan minkejja li kif gia senjalat sa mill-anqas 2014, ir-Registratur gia kien notifikat li l-kumpanija Miqna Systems Limited kienet imxiet ghal Qala, Ghawdex **(Dokument E)**. Fl-ittra tas-sitta (6) ta' Jannar 2020, il-kumpanija Miqna Systems Limited intalbet sabiex tissottometti d-dokumentazzjoni relattiva sal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar 2020 biex tigi in regola. Dan fil-fatt sar u gie prezentat lir-Registratur tal-Kumpaniji (**Dokument F);**

Illi pero' gara li r-Registratur tal-Kumpaniji baghat l-avviz li l-kumpanija Miqna Systems Limited kienet se titnehha mir-Registru tal-Kumpaniji fl-indirizz l-antik tal-Mosta bil-konsegwenza li l-kumpanija qatt ma giet mgharrfa bil-fatt li r-Registratur kien sejjer jipprocedi bit-thassir tal-istess. Dan minkejja li l-istess Registratur kien gie infurmat bit-tibdil fl-indirizz tal-ufficju registrat tal-kumpanija;

Illi meta fis-sena elfejn u ghoxrin (2020) l-esponenti gie a konoxxenza tal-fatt li Miqna Systems Limited kienet giet imnehhija mir-registru tal-Kumpaniji, l-esponenti beda proceduri fil-Qorti biex Miqna Systems Limited terga' tigi tiddahhal fir-registru tal-Kumpaniji (***Rikors Numru 2/2020 JVS Dr David***

***Pollina vs Registratur tal-Kumpaniji).*** It-talba tal-esponenti sabiex Miqna Systems Limited terga tiddahhal fir-Registru tal-Kumpaniji giet milqugha in vista tal-izball evidenti kommess mir-Registratur tal-kumpaniji meta ma hax nota tal-bdil fl-indirizz tal-ufficju registrat tal-kumpanija Miqna Systems Limited. Kopja tas-sentenza moghtija fil-hamsa (5) ta' Mejju 2021 hija annessa u markata bhala **Dokument G;**

Illi l-esponenti ricentament gie a konoxxenza tal-fatt li fl-istess zmien li r-Registratur nehha lis-socjeta Miqna Systems Limited mir-Registru tal-Kumpaniji, huwa nehha wkoll is-socjeta Malta Ticket.com. Dan ghar-raguni li l-istess kif gara fil-kaz ta' Miqna Systems Limited, ir-Registratur baghat l-avvizi tat-tnehhija tal-kumpanija MaltaTicket.com fl-ufficju registrat antik tal-kumpanija. Dan minkejja li l-istess Registratur kif debitament infurmat bit-tibdil fl-indirizz tal-ufficju registrat tal- kumpanija **(Dokument H).** Sakemm kienu ghaddejjin il-proceduri fir-rikors numru 2/2020 JVC l-intimat fl-ebda hin ma kien indika li fil-kaz ta' Malta Ticket.Com kien gara l-istess haga bhal Miqna Systems Limited. Kif gia inghad kien biss ricentament li l-esponenti gie a konoxxenza tal-fatt li Malta Ticket.com tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji u huwa ghalhekk li huwa qieghed jipprezenta l-azzjoni odjerna sabiex il-kumpanija terga' tigi tiddahhal fir-Registru;

Illi huwa car li kif sehh fil-kaz ta' Miqna Systems Limited, it-thassir ta' Malta Ticket.com wkoll sar bi zball da parti tar-Registratur tal-Kumpaniji. Dan meta l-istess Registratur  naqas li jiehu nota tal-bdil fl-indirizz tal-ufficju registrat tal-kumpanija MaltaTicket.com;

Illi x-xoghol tal-kumpanija ghadu ghaddej u fil-fatt l-istess kumpanija hija involuta fi proceduri legali li jinsabu ghaddejjin. Infatti hija konvenuta f'kawza ta kuntest ta' din l-istess kawza hija kienet wkoll ressqet kontro-talba. Attwalment dawn il-proceduri jinsabu sospizi sakemm il-kumpanija terga' tiddahhal fir-Registru tal-Kumpaniji. Ir-riferenza ta' dawn il-proceduri hija ***Rikors Guramentat Nru 1278/2011 fl-ismijiet Agenzija Heritage Malta vs MaltaTicket.com;***

Illi ghalhekk jezistu cirkostanzi sabiex isem din il-kumpanija jerga' jiddahhal fir-Registru tal-Kumpaniji biex l-istess kumpanija tkompli bil-kawza pendenti u bl-operat taghha.

Illi din it-talba qieghda ssir a tenur tal-artikolu 325 tal-Kap. 386 stante li ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta isem il-kumpanija gie kancellat mir-registru tal-kumpaniji;

Ghaldaqstant prevja d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha;

a) tordna l-isem tal-kumpanija Malta Ticket.com li kien abbinat mal-kumpanija li kellha n-numru tar-registrazzjoni C41085 jerga' jidhol fir-registru tal-kumpaniji;

b) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit ghal dan il-ghan mid-data ta' din id-decizjoni jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpaniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem MaltaTicket.com li kien abbinat mal-kumpanija li kellha n-numru C 4185 jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpaniji.

c) tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex fi zmien stabbilit ghal dan il-ghan- mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-istesm Malta Ticket.com li kien abbinat mal-kumpanija li kellha n-numru C 41085 jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpaniji, jippubblika avvizfil-gazzetta tal-Gvern jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun principalment f'Malta fejn jinghad li l-isem tal-kumpanija MaltaTicket.com C 41085 rega' dahal fir-Registru tal-Kumpaniji.

Bl-ispejjez kontra r-Registratur intimat.

Rat ir-Risposta tar-Registratur tal-Kumpaniji li taqra kif isegwi:

'Illi l-kumpanija MaltaTicket.com Limited (C 41085 ) kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpaniji ("Registru") fit-3 t'April 2007;

Illi ta' min jghid illi ghaz-zmien kollu li damet fuq ir-Registru, il-kumpanija in kwistjoni naqset ghal kollox mill-obbligi taghha milli tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-kumpanniji. Tant hu hekk, illi l-kumpanija in kwistjoni qatt ma baghtet ebda prospett annwali jew kont annwali matul iz-zmien kollu li kienet fuq ir-Registru tal-Kumpaniji. Dan totalment ghal kuntrarju ghal dak li ntqal mir-rikorrenti fir-rikors promotur;

Ili tali nuqqas kien raguni bizzejjed sabiex l-intimat Registratur tal-Kumpaniji jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-kumpanniji;

Illi in vista tas-suespost, ir-Registratur ipproceda sabiex kiteb lill-kumpanija fl-indirizz registrat taghha u lill-ufficjali taghha fl-indirizz residenzjali taghhom, sabiex javza li l-isem tal-

kumpanija kien sejjer jigi mhassar minn fuq ir-Registru kemm il-darba ma tintweriex raguni sabiex dan ma jsehhx;

Illi fl-istess korrispondenza r-Registratur gharraf lill kumpanija u lill-ufficjali taghha illi gialadarba kienu ilhom jonqsu mill-obbligi taghhaom, skont l-Artikolu 325 tal-Att, f'kaz li ma jwegbux fi zmien xahar, ir-Registratur kien ser ikompli bil-process ta'thassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni;

Illi fil-frattemp l-esponent ma rcieva ebda tip ta' risposta jew reazzjoni ghal din il-korrispondenza u ghaldaqstant l-esponent mexxa sabiex baghat it-tieni set ta' korrispondenza fejn il-kumpanija u l- ufficjali taghha kienu gew avzati illi fi zmien tlett xhur mid-data tal-avviz illi inhareg fuq it-Times of Malta u fuq website mizmuma mill-esponent, l-isem tal-kumpanija Malta Ticket.com Limited (C 41085) kien ser jigi mhassar minn fuq ir-Registru;

Illi lanqas f'dan it-terminu ta' tlett xhur l-esponent ma rcieva ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti la min-naha tal-kumpanija u lanqas mill-ufficjali taghha, hlief ghad-dokument fejn innotifika lir-Registratur lill-indirizz tal-kumpanija kien gie mibdul. Illi ghalhekk jidher b'mod lampanti illi r- rikorrent ma kellu ebda intenzjoni illi jimxi skont il-ligi tal-kumpaniji billi jirregolarizza il-posizzjoni tieghu u l-kumpanija billi

jissottometti l-prospetti u l-kontijiet annwali illi kienu mitluba minnu skont l-istess ligi. Kien propju dan il-fatt li wassal lill-esponent sabiex johrog avviz fuq website mizmuma minnu fejn gie avzat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni gie mhassar minn fuq ir-Registru;

Illi f'dawn il-proceduri r-rikorrent ghogbu jsemmi kawza ohra li kellu kontra r-Registratur f'dak illi kien jirrigwarda kumpanija ohra, jigifieri Miqna Systems Limited (C38184) illi ta' min isemmi hija l-unika azzjonista tal-kumpanija de quo u fejn David Pollina huwa wkoll id-direttur. F'din il-kawza l-Onorabbli Qorti diversament preseduta wara illi sahqet illi r-Registratur mexa skont kif titlob minnu l-ligi, kompliet sabiex tirrimarka illi :

*"Tajjeb jinghad ukoll izda mill-atti ma jirrizultax li r-rikorrent ittenta jirregolarizza l-posizzjoni tieghu dwar il-kontijiet pendenti u l-intavolar tal-prospett annwali. Pjuttost jirrizulta li r-rikorrent aktar sahaq fuq il-punt tan-notifika milli fuq dak li effettivament gieghel lir-Registratur tal-Kumpaniji jiehu l-pass li permezz tieghu nehhieh minn fuq ir-Registru";*

Illi l-istess Onorabbli Qorti kompliet billi qalet illi hija kienet qieghda taghmilha cara li fl-eventwalita' li l-isem tal-kumpanija jerga jitpogga fuq ir-Registru tal-Kumpaniji, dan bl-ebda mod

ma kellu jinftiehem li l-kumpanija giet b'xi mod ezonerata mill-obbligi taghha fil-ligi, nkluz dawk elenkati fir-risposta tar-Registratur intimat, fosthom dokumentazzjoni penali u multi dovuti,

Illi l-Qorti fl-istess nifs qalet li ghalkemm qed issir din t-twissija min-naha taghha kemm il-darba l-posizzjoni tal-kumpanija ma tigix regolarizzata kienet qed thalli f'idejn l-intimat Registratur sabiex jaghmel procedura apposita sabiex tigi ikkonsenjata lilu d-dokumentazzjoni nieqsa u sabiex jithallsu l-penali u l-multi dovuti lill-intimat. Dan wassal lill-intimat li jkompli jibghat korrispondenza inkluza dik gudizzjarja, imma madankollu is-Sur Pollina baqa u ghadu sal-gurnata tal-lum inadempjenti. F'dan il-kaz il-Qorti zammet lir-rikorrent totalment responsabbli ghal-ispejjez kollha tal-proceduri illi kellha quddiemha;

Illi l-esponenti thoss illi r-rikorrent zgur li ma kellux bzonn illi jigi mfakkar mill-intimat dwar l-oneri u l-obbligazzjonijiet tieghu qua wiehed mid-direttur tal-kumpanija in kwistjoni vis-a-vis l-Att. Huwa verament stramb kif ir-rikorrent donnu irid jitfa t-tort fuq ir-Registratur illi wassal sabiex jibda il-process illi wassal ghat-thassir ta-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Registru. Dan meta jidher bic-car illi l-unika raguni illi wassal ghal dan it-thassir, kienu proprju n-negligenza u t-traskuragni tieghu

meta hassu komdu ghal diversi snin milli jpoggi il-kumpanija in regola. Di piu' ir-rikorrent naqas milli jsemmi illi l-intimat kien ilu mis-sena 2014 jibghat korrispondenza sabiex jigi mfakkar dwar nuqqasijiet tirghu vis-a-vis l-Att. Di piu r-rikorrent ghazel illi jinjora notifiki u avvizi ta' penali u multi lill-ufficjali flimkien mal-kumpanija de-quo gew suggetti ghalihom bhala rizultat dirett ta' tali nuqqasijiet;

Illi r-rikors qieghed issir fi zmien il-hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz ta' thassir u ghalhekk ghadu fiz-zmien stipulat mil-ligi.

Illi jekk dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun illi l-isem tal-kumpanija ghandu jerga jitqieghed fuq ir-Registru, ir-Registratur umilment jissolleva illi l-kumpanija flimkien mal-ufficjali taghha ghanda taggorna d-dokumenti mehtiega kollha (inkluz il-prospetti u l-kontijet annwali) u billi jithallsu l-penali u l-multi kollha dovuti lill-intimat Registratur;

Illi filwaqt illi r-Registratur huwa lest illi joghqod ghal kull direzzjoni u provediment illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa illi ghandha timponi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz; huwa jhoss illi mexa b'mod korett u kif titlob minnu l-ligi u ghaldaqstant m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez marbutin mal-proceduri odjerni;

Bl-ispejjez.'

Rat li fil-verbal tat-12 ta'April, 2024 il-kawza giet differita għal-lum għas-sentenza bil-fakulta lill-partijiet li jipprezentaw sottomissjonijiet fl-atti f'termini mposti fuqhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikors odjern jikkonsisti f'talba tar-rikorrent bhala direttur manigerjali tal-kumpanija MaltaTicket.com Limited, liema kumpanija giet imhassra mir-Registru tal-Kumpaniji, sabiex terga titpogga fl-istess registru. Ir-rikorrent isostni li hu ma kienx jaf bil-proceduri sabiex jithassar isem il-kumpanija mir-Registru tant li rrizulta li l-korrispondenza kollha kienet qed tintbaghat f'indirizz il-Mosta filwaqt li fit-13 ta' Marzu, 2018 ir-Registratur kien gie nfurmat li l-indirizz tal-kumpanija kien inbidel ghal indirizz gewwa Ghawdex. Ir-rikorrent isostni ulterjorment li l-kumpanija prezentement ghandha proceduri legali pendenti f'isimha, liema proceduri jinsabu sospizi jistennew sabiex isem il-kumpanija jerga' jitpogga fir-registru tal-kumpaniji.

Ir-Registratur intimat jopponi ghat-talba ghaliex isostni li l-kancellament ta' isem il-kumpanija huwa rizultat tal-inadempjiment taghha milli tipprezenta d-dokumentazzjoni neccessarja kull sena mal-istess Registratur dan nonostante li ntbaghtet bosta korrispondenza f'dan ir-rigward fejn il-kumpanija baqghet ma ghamlet xejn. Hemm ukoll bosta penali pendenti dovuti lir-Registratur intimat. Fi kwalunkwe kaz jaqbel li t-talba qed issir fit-terminu tal-hames snin mill-kancellament kif titlob il-ligi. Jsostni li din mhux l-uniku kumpanija tal-intimat li ma aderixxietx ruhha mal-ligi tant li huwa l-istess rikorrent li jsemmi kaz iehor deciz minn din l-istess Qorti fejn isem il-kumpanija gie kancellat u kienet din il-Qorti li rreintegrat isem il-kumpanija filwaqt izda li ghamlitha cara li xejn ma jzomm lir-Registratur jerga' jiehu l-proceduri ghall-kancellament f'kaz li l-kumpanija tibqa' ma tottemperax ruhha mar-rekwiziti tal-ligi. Ir-Registratur jopponi li ghandu jaghmel tajjeb ghal xi spejjez ta' din il-procedura.

Illi mil-lat ta' provi din il-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha esebita fl-atti partikolarment id-dokument 'Form Q' esebit a fol. 7 tal-process mil-liema dokument johrog li huwa minnu li fil-15 ta' Marzu, 2018 ir-Registratur giet debitament infurmat li l-kumpanija kienet biddlet l-indirizz taghha ghal dak ta' Refidim, Wardija Street, Qala, Gozo, QLA 1206. Rat li nonostante din in-notifika, il-korrispondenza kollha li nharget konsegwentement mir-

Registratur fir-rigward ta' din il-kumpanija ma gietx mibghuta f'dan l-indirizz.

Illi ghalkemm din il-Qorti ftit li xejn temmen lir-rikorrent meta jsostni li ma kienx jaf li kienu nbdew il-proceduri sabiex isem il-kumpanija jitnehha mir-registru, anki ghaliex qatt ma pezenta ebda dokumentazzjoni mar-Registratur tul is-snin kif kien obbligat, mill-atti johrog li effettivament l-indirizz il-gdid qatt ma gie rikonoxxut mir-Registratur tant li l-korrispondenza baqghet tintbaghat f'indirizzi precedenti u mhux dak notifikat l-ahhar lir-Registratur. In vista' ta dan u sabiex is-sitwazzjoni tigi legalment retifikata l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent sabiex isem il-kumpanija jerga' jigi reintegrat fir-registru. Xejn izda ma jzomm lir-Registratur sabiex issa li jaf bl-indirizz it-tajjeb tal-kumpanija, jerga' jaghmel il-procedura apposita skont il-ligi sabiex jew il-kumpanija tottempera ruhha mal-obbligi taghha skont il-ligi u thallas il-penali dovuti jew jerga' jghaddi ghall-kancellament ta' isem il-kumpanija mir-registru.

Illi l-Qorti taghmilha cara li b'din is-sentenza ebda obbligu jew penali dovuti mir-rikorrent jew il-kumpanija lir-Registratur ma qed jigu pregudikati.

Illi dwar l-ispejjez tal-kawza din il-Qorti tqis li d-diversi nuqqasijiet da parti tar-rikorrent fit-tmexxija ta' din il-kumpanija u

wkoll tmexxija ta' kumpaniji ohra tieghu, kif ukoll l-atteggjament tieghu ta' non kuranza ghall-obbligi tieghu fil-ligi ma jistghux jigu njorati w'ghalhekk dan ghandu jigi rifless fl-ordni dwar l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Decizjoni.**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi dan ir-rikors billi tichad ir-risposta tar-Registratur intimat sakemm din hija nkompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex:

a) Tilqa' l-ewwel talba u tordna li isem il-kumpanija Malta Ticket.com li kien abbinat mal-kumpanija li kellha n-numru tar-registrazzjoni C41085 jerga' jidhol fir-registru tal-kumpaniji;

b) Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpaniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem MaltaTicket.com li kien abbinat mal-kumpanija li kellha n-numru C 41085 jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpaniji.

c) Tilqa' t-tielet talba u tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex fi zmien xahar mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-

registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-istess Malta Ticket.com li kien abbinat mal-kumpanija li kellha n-numru C 41085 jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpaniji, jippubblika avviz fil-gazzetta tal-Gvern jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun principalment f'Malta fejn jinghad li l-isem tal-kumpanija MaltaTicket.com C 41085 rega' dahal fir-Registru tal-Kumpaniji.

Fic-cirkustanzi, kif gia suespost, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

Moqrija.

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

Assistent Registratur